MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-13 ta' Frar, 2015

Avviz Numru. 328/2014

**Elektra Limited**

**vs**

**Paza Limited**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex is-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' €5851.62 rapprezentanti l-bilanc tal-prezz ta' oggetti relatata ma sistema ta' dawl ossia "lighting" liema oggetti gew mibjugha u kkonsenjati lilha u li sa llum ghadhoom ma thallsux nonostante tentattivi, anke permezz ta' ittra ufficjali intavolata ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta – kopja annessa u mmarkata Dok A. Dan anke spejjez u imghaxijiet skond il-ligi kontra s-socjeta' intimata li hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta’ konvenuta, pprezentata fit-13 ta’ Frar, 2015, li biha l-istess socjeta’ konvenuta tat ruhu notifikat bl-atti ta’ l-avviz u ammettiet it-talba tas-socjeta’ attrici kif dedotta fl-istess avviz.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

In vista ta’ dak premess il-Qorti tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hamest elef tmien mija wiehed u hamsin Euro u tnejn u sittin centezmu (€5851.62), bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-ittra ufficjali taht l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u bl-imghaxijiet skont il-ligi kontra s-socjeta’ konvenuta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------